**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Frar 2025**

Rikors Numru: 572/2024 AL

AB

U

CB

(M.R. Numru 769/2012)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-ikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-esponenti żżewġu fil-5 ta' Mejju 2012 ġewwa Ħaż-Żabbar, Malta, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 769/12 (kopja hawn anness u mmarkat **Dok. A**)

2. Illi sussegwentement, l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat fis-27 ta Frar 2024 fl-atti tan-Nutar Thea Cachia (kuntratt anness u mmarkat **Dok. B)**;

3. Illi esponenti għandhom tliet ulied, X li twieled fl-14 ta' Diċembru 2009, Y li twieldet fis-17 ta' Settembru 2011, u Z li twieled fis-17 ta' Marzu 2022;

4. Illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet fir-rigward tal-ulied minuri u ma humiex dovuti manteniment mingħand xulxin;

5. Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn Lulju tas-sena 2023 u llum il-ġurnata jgħixu hajja kompletement independenti minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejniethom;

6. Illi l-esponenti jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi dikjarat maħlul;

7. Illi tenut kont tal-fatti fuq imsemmija, l-esponenti jissodisfaw il-kriterji imposti mill- artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jitolbu l-ħall taż-żwieġ;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsjasi dikjarazzjoni u ordni li jidhrilha xierqa u opportuna:

1. Tordna l-ħall taż-żwieġ kuntrattat mill-esponenti fil-5 ta' Mejju 2012; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien iffissat minn din il-Qorti, javża lid- Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat l-affidavits bix-xiehda taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Jannar 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Frar 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.